



2024/1981

17.7.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1981**

**tal-15 ta' Lulju 2024**

**li taħtar il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/79/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2001/79/PESK, il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea ("il-Kumitat Militari") jinħatar mill-Kunsill fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Militari mlaqqa' fil-livell tal-Kapijiet tad-Difiża. L-Artikolu 3(2) ta' dik id-Deċiżjoni jiddikjara li l-mandat tal-President tal-Kumitat Militari huwa ta' tliet snin, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.
- (2) Fit-12 ta' Mejju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/735 <sup>(2)</sup>, li taħtar lill-Ġeneral Robert BRIEGER bħala President tal-Kumitat Militari mis-16 ta' Mejju 2022 sal-31 ta' Mejju 2025.
- (3) Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Mejju 2024, il-Kumitat Militari mlaqqa' fil-livell tal-Kapijiet tad-Difiża rakkomanda li l-Ġeneral Seán CLANCY jinħatar bħala President tal-Kumitat Militari għal perjodu ta' tliet snin, mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2028,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ġeneral Seán CLANCY huwa b'dan maħtur bħala President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2028.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

NAGY I.

<sup>(1)</sup> ĠU L 27, 30.1.2001, p. 4.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/735 tat-12 ta' Mejju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1200 sabiex jitmexxa 'l quddiem it-tmiem tal-mandat tal-President attwali tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea u biex titmexxa 'l quddiem il-ħatra tal-President li jmiss tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 136, 13.5.2022, p. 106).